**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 12/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Jurgen Cassar**

**Illum 4 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jurgen Cassar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 428585M.

Akkuzat talli nhar it-18 t'Ottubru, 2017 ghall-habta ta' bejn il-4:45 u l-5:45 ta' filghodu, gewwa Santa Venera:

1. Bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa l-bini tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja u kif ukoll minn gewwa l-bini tal-Agenzija Support, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin;

2. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi volontarjament hasar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq bieb

tal-aluminium ghad-dannu tal-Agenzija Support u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputata bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 15 ta' Frar, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat; fedina penali; kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' bi procedura sommarja; dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok RV1; stqarrija mmarkata bhala Dok RV2; stima mmarkata bhala Dok RV3; 16-il ritratt immarkati bhala Dok RV4; pendrive mmarkata bhala Dok RV5; okkorrenza datata 18 t'Ottubru, 2017 immarkata bhala Dok MM1; sentenza datata 14 ta' Mejju, 2012 immarkata bhala Dok MG1; sentenza datata 24 ta' Novembru, 2015 immarkata bhala Dok MG2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil: Spettur Robert Vella; PS 125 Malcolm Mifsud; PS 267 Anthony Cassar; Frances Xavier Scerri; Michael Debono, PC 1202 Ryan Magro, Mary Rose Xammit, Marilyn Montesin; Spettur Matthew Galea.

**Spettur Robert Vella** jispjega li fit-18 t'Ottubru, 2017 Frances Xavier Scerri li hija support worker gewwa l-konservatorju Vincenzo Bugeja, flimkien ma Marilyn Montesin li hija resident gewwa din il-home, marru jirraportaw l-Ghassa li ghal habta tal-5:00 a.m., Marilyn Montesin sabet persuna ma wiccha li kienet qed taghmel id-dawl tal-mobile f'wicc Marilyn Montesin. Marilyn innutat li din il-persuna kienet ta' sess maskili u x'hin saqsietu x'kien qed jaghmel, din il-persuna harbet minn fuq il-post. Marilyn Montesin infurmat lis-social worker taghha u flimkien marru jaghmlu rapport mal-Pulizija gewwa

l-Ghassa tal-Hamrun. Meta giet mitluba taghti deskrizzjoni ta' din il-persuna, id-deskrizzjoni li tat Marilyn Montesin ma tantx kien car minhabba l-fatt li kien ghadu dlam, pero' Marilyn stqarret li din il-persuna kienet ta' sess maskili u ma kienx jidher kbir fl-eta'. Iktar tard, ghal habta tal-11:30 a.m. marret Mary Rose Zammit li hija co-ordinator gewwa l-Agenzija Support li jinsab biswit il-Konservatorju Vincenzo Bugeja, fejn irraportat li kienet sabet xi hgieg tal-bieb tal-aluminium imkisser, kif ukoll cupboard miftuh. Biss pero' stqarret li ma sabet xejn nieqes. Il-Pulizija elevat xi CCTV footages li kienu mghamra fil-vicinanzi liema footages intbghatu lid-Dipartiment tal-Forensika. Inhargu sittax-il ritratt fejn f'dawn ir-ritratti jidher l-imputat Jurgen Cassar. Jurgen Cassar dak iz-zmien kien residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fuq kaz mhux relatat ma dan u fit-18 ta' Novembru, 2017 gie mitkellem mill-Ispettur Robert Vella gewwa l-Ghassa tal-Hamrun. Jurgen Cassar inghata d-drittijiet kollha tieghu izda rrifjuta li jikkonsulta ma Avukat, u eventwalment irrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien hu l-persuna fir-ritratti kif ukoll ammetta li kien hu li dahal f'dawk l-istabbilimenti. Jurgen Cassar stqarr li huwa dahal f'dawn l-istabbilimenti sabiex isib persuna li jista' jtih ftit kafe'. L-Ispettur Robert Vella talab lill-Agenzija Support sabiex jghaddulu stima tal-hsarat li sofrew liema stima nghaddiet lilu fl-10 ta' Jannar, 2018 u jammonta ghal €76.

**PS 125 Malcolm Mifsud** stazzjonat l-Ghassa tar-Rabat jghid li fit-18 t'Ottubru, 2017, Frances Scerri li hija support worker flimkien ma Marilyn Montesin li hija residenti gewwa l-konservatorju Vincenzo Bugeja, Santa Venera, marru jirraportaw l-Ghassa li Marilyn Montesin waqt li kienet fil-kamra tas-sodda taghha rat persuna ta' sess maskili jigi wicc imb'wicc maghha u meta staqsietu x'kien qed jaghmel, harab jigri. Iktar tard matul il-gurnata, marret Mary Rose Zammit li hija ko-ordinatur tal-Agenzija Support fejn irrapurtat illi fl-istess bini fejn sar l-ewwel rapport, sabet bieb tal-aluminium imkisser u xi cupboards miftuhin.

**PS 267 Anthony Cassar** stazzjonat l-Ghassa tal-Hamrun jikkonferma li huwa kien xhud tad-dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali kif ukoll kien xhud tal-istqarrija rilaxxjat mill-imputat.

**Frances Xavier Scerri** tikkonferma li hija tahdem bhala care worker gewa Vincenzo Bugeja Jean Antide Home u fit-18 t'Ottubru, 2017 hija kienet night duty. Tispjega li ghal

habta ta' xi l-4:00 a.m. semghet tisbit u storbju izda meta harget ticcekkja, ma sabet xejn. Marret tpejjep sigarett fil-parapett u ghal habta tal-5:00 a.m. marret residenta thabtilha u tinfurmaha li kien dahal ragel fil-kamra taghha u beda juri t-torch f'wiccha. Din ir-residenta harget ghalih u hu harab. Frances Xavier Scerri marret ticcekkja u sabet bieb li jaghti ghal fejn kienu r-refuggjati, sgassat. Frances Xavier Scerri tikkonferma li r-residenta hija certu Marilyn Montesin. Tispjega li cemplet lill-Pulizija u kelmet lil certu PC 1210 u talbitu jigi fuq il-post sabiex jara jekk ghadx hemm xi hadd fid-dintorni izda PC 1210 nfurmaha sabiex tinzel tghamel rapport l-Ghassa.

**Michael Debono** jghid li huwa mar gewwa l-Agenzija Sedqa Fleur-De-Lys sabiex ikellem xi hgieg li kien imkisser. Jikkonferma li huwa jahdem fuq l-aluminium u jghamel it-tiswijiet fuq l-aluminium. Huwa hareg stima ta' €76 bil-VAT b'kollox, izda t-tiswija ma saritx.

**PC 1202 Ryan Magro** stazzjonat l-Ghassa tal-Hamrun jispjega li fis-17 t'Ottubru, 2017 ghal habta tas-6:20 a.m. marru l-Ghassa certu Frances Scerri li hija support worker gewwa d-Dar Vincenzo Bugeja flimkien ma Marilyn Montesin li hija residenti fl-istess dar sabiex jirraportaw li dak inhar iktar kmieni ghal habta tal-5:00 a.m. Marilyn Montesin kienet qeghda fil-kamra tas-sodda taghha meta fil-pront rat flash ta' mobile jixghel. Hija staqsiet min kien hemm ghax hasbet li kienu l-haddiemi tal-istess dar, izda meta xeghlet id-dawl, sabet persuna ta' sess maskili fl-istess kamra u meta staqsietu x'kien qed jghamel hemm, huwa harab minn fuq il-post. Marilyn Montesin ikkonfermat li lil dan ir-ragel qatt ma ratu qabel. PC 1202 Ryan Magro nfurma lil PS 125 b'dan ir-rapport.

**Mary Rose Zammit** hija co-ordinator gewwa l-Agenzija Support u tispjega li kien mar persuna mill-konservatorju Vincenzo Bugeja li nfurmaha li kien sar sgass gewwa l-istabbiliment taghhom u xtaq jiccekkja s-CCTV's. Nel frattemp, hi giet infurmata minn haddiem taghha li kien hemm xi hgieg imkisser f'parti mill-istabbiliment taghhom. Tispjega li ghaddiet stima lill-Pulizija tal-hsara li sofriet u ghaddiet ukoll pendrive lil Pulizija b'kopja tas-CCTV footage.

**Marilyn Montesin** tikkonferma li hija residenti gewwa l-konservatorju Vincenzo Bugeja ta' Santa Venera. Tispjega li kienet rieqda fis-sodda taghha u meta stenbhet, sabet ragel;

bil-mobile bil-flash mixghul fil-kamra taghha. Marilyn Montesin ilha kwazi tlett snin residenti f'din id-dar. Tghid li meta stenbhet u rat lil dan ir-ragel, huwa harab jigri u qamet ghal warajh u avolja ma ratx wiccu, hi tiddeskrivih bhala mhux twil, naqra miftuh, mhux zghir. Wara li telaq dan ir-ragel, hi marret tkellem lil carers.

**Spettur Matthew Galea** pprezenta sentenza datata 14 ta' Mujju, 2012 moghtija mill-Magistrat Antonio Mizzi fl-ismijiet Pulizija Spettur Keith Arnaud, Spettur Trevor Micallef vs Jurgen Cassar. Ipprezenta sentenza datata 24 ta' Novembru, 2015 moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fl-ismijiet Pulizija Avukat Helena Vella vs Jurgen Cassar.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Avukat difensur tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel akkuza si tratta ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz lok u hin. Illi jirrizulta anke mis-CCTV u l-istills ezebiti mill-prosekuzzjoni li l-imputat fil-gurnata tat-18 t'Ottubru 2017 ghall-habta tal-5am ta' filghodu acceda fil-fond il-Konsevatorju Vincenzo Bugeja, huwa dahal gewwa, inzerta tfajla li kienet rieqda fil-kamra taghha, u telaq jigri lura. Illi skond ma' qalet, Marilyn Montesin fix-xhieda taghha, *"Kont qeghda rieqda, nistenbah, u nsib wiehed ragel bil-mobile bil-flash mixghul fil-kamra tieghi."* Hi tkompli tghid li din kienet l-ewwel darba li hi nzertat lil xi hadd qabad u dahal fil-kamra taghha fis-satra tal-lejl, u tghid li ma ratlux wiccu ghax kien id-dlam izda gharfet li aktarx kien l-imputat mill-istatura tieghu. Illi ta' min jghid li skond l-istills ezebiti jirrizulta li l-persuna li dahlet fil-fond indikat dak in-nhar kien l-imputat. Dwar dak li gara dak in-nhar, Frances Xavier Scerri tghid hekk, *"…u bil-lejl, aw filghodu kmieni minn xi l-erbgha w hekk bdejt nisma' hafna storbju, hafna tisbit, tisbit u hrigt naghmel ir-ronda imma ma rajt xejn u ergajt dhalt. Ghamilt bela café', kienu qisu xil-hamsa u hrigt ghandha qisu bicca parapet u xil-hamsa tigi residenza thabbatli u qaltli "taf li dahal ragel?" ghidtilha "dahal ragel?" jien, qaltli "mela, gie fil-kamra tieghi u dan gie bit-torch" qaltli w "hrigt ghalih bhal speci "hrigt warajh" u jiena mort niccekkja u insib il-bieb, hemmhekk hemm bieb complex u jaghti ghar-refugjati, fejn kienu r-refugjati, w insibu skussat, insibu forced open jigifieri."*

L-imputat ma jixhidx u ma jgibx prova ghalfejn huwa kellu jisgassa u jidhol fil-fond tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja dak in-nhar. Fl-istqarrija li irrilaxxa l-imputat nhar it-18 ta' Novebru 2017 huwa jghid li spicca bla dar u dak in-nhar kien qed ifittex post biex imur jiehu kafe'. Huwa palezi li l-imputat ghandu problema ta' droga u dan kif dikjarat minnu stess fl-istess stqarrija a fol 22 tal-process. Illi skond il-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat ghandu diversi reati fosthom ma' abbuz ta' droga u serq, ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta bhala verosimili l-verzjoni ta' l-imputat li ta' fl-istqarrija tieghu li dahal fil-fond in kwistjoni biex isib is-sorijiet halli jtuh bela' kafe'. L-evidenza cirkostanzjali turi li l-imputat effettivament dahal fil-fond in kwistjoni biex jisraq, tant li kif ra lit-tfajla fil-kamra taghha huwa harab jigri, tant li ma stenniex persuni gol post, huwa harab ma talabx ghal xi haga x'jixrob. L-ebda gustifikazzjoni ma giet pruvata mill-imputat ghal liema raguni huwa dahal fil-fond in kwistjoni. Li kieku anzi xtaq jixrob xi haga ma kienx ikun hemm raguni ghalfejn jipprova jidhol fi propjeta' billi jkisser hgieg u jisgassa l-bieb.

Ghal dak li jirrigwarda it-tieni u t-tielet akkuza jirrizulta li l-imputat dahal u ghamel diversi hsarat, senjatament gie sgassat bieb b'dan li gie forced open u kisser xi hgieg, dan jirrizulta dejjem mix-xhieda ta' Frances Xavier Scerri, li qabel ma giet tirrraporta ghandha Marilyn Montesin hija semghet l-istorbju barra kompatibbli ma' dawn il-hsarat. Bil-gurament giet prezentata stima konfermata bil-gurament, wahda biex jigi sostitwit il-hgiet fl-ammont ta' sitta u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€76.70). Illi ghalkemm din hija stima l-Qorti m'ghandiex raguni ghala m'ghandiex tehodha bhala veritjera.

Illi ghar-rigward il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali ikkulurita ta' l-imputat u d-diversi opportunitajiet moghtija lilu sabiex jirriforma lilu haga li naqas milli jaghmel ghalhekk ma tarax li l-imputat f'dan l-istadju jista' b'xi mod jibbenefika minn sentenza li ma tkunx ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 41, 261(b)(e)(f), 263, 269, 270, 278(3), 281(b), 325(c), 340(d), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Jurgen Cassar** hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal perjodu komplessiv ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva li minnu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**